KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 14.11.2008
KUMM(2008) 752 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

RAPPORT ANNWALI DWAR IL-FOND TA' KOEŻJONI (2007)

[SEG(2008) 2816]

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

RAPPORT ANNWALI DWAR IL-FOND TA' KOEŻJONI (2007)

Ir-Regolament (KE) Nru 1084/2006 li jwaqqaf il-Fond ta' Koeżjoni u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1164/94 ma għandux bżonn ta' preżentazzjoni ta' rapport annwali dwar il-Fond ta' Koeżjoni.

Għaldaqstant dan ir-rapport huwa ppreżentat f'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1164/1994 u għalhekk ikopri l-implimentazzjoni ta' proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni fl-2007, li kienu ġew adottati fil-perjodu 2000-2006.

Bħala konsegwenza ta' dan, dan ir-rapport ikopri proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni fit-13-il Stat Membru benefiċjarji kif il-każ fl-aħħar tal-2006, jiġifieri l-Greċja, Spanja, il-Portugall, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, L-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, is-Slovakkja u s-Slovenja.

Dettalji dwar l-implimentazzjoni tal-proġetti fl-2007 li kienu ġew adottati fil-perjodu 2000-2006 għal kull Stat Membru huma ppreżentati fl-Anness ma' dan ir-rapport.

1. L-EŻEKUZZJONI FINANZJARJA TAL-PERJODU 2000-2006 FL-2007 U L-GĦELUQ TAL-PROĠETTI

Fl-2007, 15-il Stat Membru (it-12-il Stat Membru ġdid kif ukoll il-Greċja, il-Portugall u Spanja) kienu eleġiblli biex jirċievu assistenza mill-Fond ta' Koeżjoni. Il-Bulgarija u r-Rumanija saru eliġibbli mal-adeżjoni tagħhom fl-1 ta' Jannar 2007. Madankollu, billi dan ir-rapport ikopri l-implimentazzjoni ta' proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni fl-2007 li ġew adottati fil-perjodu 2000-2006 biss, il-Bulgarija u r-Rumanija mhumiex inklużi. Barra minn hekk, bħala riżultat tat-tkabbir ekonomiku, l-Irlanda ma baqgħetx eliġibbli mill-1 ta' Jannar 2004.

Minħabba li l-impenji kollha għall-proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni ffinanzjati fil-perjodu tal-programm 2000-2006, kienu esegwiti sal-31 ta' Diċembru 2006, ir-riżorsi finanzjarji disponibbli għall-Fond ta' Koezjoni fl-2007 kienu biss jikkonsistu minn approprjazzjonijiet ta' pagamenti.

<u>Pagamenti fl-2007 għal proġetti adottati fil-perjodu 2000-2006</u>

Il-baġit inizjali tal-2007 kien jammonta għal € 3 250 miljun. Iżda f'Settembru, id-DĠ għall-Politika Reġjonali talab tnaqqis ta' € 500 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagamenti. Mal- 172 miljun oħra ġew trasferiti għall-Fond ta' Solidarjetà. Dan it-tnaqqis tal-krediti kien riżultat ta' eżekuzzjoni inizjalment dgħajfa min-naħa tal-Istati Membri u partikolarment ta' erba' benefiċjarji sinifikanti li għalihom il-valur totali ta' talbiet għall-pagamenti kien anqas minn 30 % tal-istima tagħhom sa nofs Settembu 2007.

Lejn l-aħħar tal-2007, ir-rata ta' preżentazzjoni ta' talbiet għall-pagamenti kibret u finalment laħqet ir-rata ta' eżekuzzjoni ta' 100 % meta mqabbel mal-

approprjazzjonijiet disponibbli. Fl-aħħar ta' Diċembru 2007, wara adozzjoni tardiva tal-programmi operattivi tal-perjodu 2007-2013 mal-kontribuzzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni, approprjazzjonijiet ta' pagamenti mhux użati li jammontaw għal € 167 miljun ġew użati għar-rimborż ta' talbiet għall-pagamenti ta' proġetti tal-perjodu 2000-2006.

Fl-aħħar tal-2007, ir-rata medja ta' assorbiment (pagamenti vs. impenji) tal-pajjiżi kollha benefiċjarji bħalissa (barra l-Irlanda) kemm għall-Fond ta' Koeżjoni u proġetti li qabel kienu jaqgħu taħt l-ISPA kienet ta' 55 %. Tliet pajjiżi (il-Bulgarija, ir-Rumanjia u l-Polonja) wrew l-anqas rati ta' assorbiment (taħt l-40 %), filwaqt li żewġ pajjiżi oħra (il-Portugall u Spanja) wrew l-akbar rati ta' assorbiment ta' bejn 63 % u 68 % tal-ammont deċiż.

Tabella 1: Implimentazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni u pagamenti li qabel kienu jaqgħu taħt l-ISPA fl-2007 (f'Euro)

Approprjazzjonijiet ta' ħlas	Bidu	Ċaqliq	Riżorsi finali	Riżultat	Imħassra	Trasferimenti għal 2008
Baġit 2007	3.880.000.000	- 672.195.985 +166.755.099	3.374.559.114	3.326.965.802	-	-
Approprjazzjonijiet immexxija mill-2006	60.776	-	-	60.776	-	-
Approprjazzjonijiet li reġgħu saru disponibbli	-	-	-	-	-	-
Pagamenti mill-ġdid	-	-	-	-	-	-
TOTAL	3.880.060.776	-505.440.886	3.374.559.114	3.327.026.578	-	-

Tabella 2 turi l-livell ta' pagamenti fl-2007 għal kull Stat Membru. Iċ-ċifri għall-Istati Membri l-ġodda jirreferu biss għall-pagamenti ta' proġetti adottati taħt il-Fond ta' Koeżjoni sa mill-1 ta' Mejju 2004 (jiġifieri ma ttiħditx f'kunsiderazzjoni l-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni għall-proġetti tal-ISPA). L-implimentazzjoni ta' pagamenti għal proġetti li qabel kienu jaqgħu taħt l-ISPA adottati qabel id-dħul hija ppreżentat fit-Tabella3.

Tabella 2: Pagamenti li saru qabel l-2007 għal proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni għal kull Stat Membru (inkluż assistenza teknika)

Stat Membru	L-Ambjent		(2)Trasport		Għajnuna Teknika	TOTAL	
	Ammont	%	Ammont	%	Ammont	Ammont	% ta' pagamenti FK totali
Ċipru	5.744.483,00	48,7 %	6.039.770,69	51,3 %		**11.784.253,69**	**0,5 %**
Ir-Repubblika	50.944.092,45	47,7 %	55.805.709,38	52,2 %	154.834,69	**106.904.636,52**	**4,4 %**

Stat Membru	L-Ambjent		(2)Trasport		Ghajnuna Teknika	TOTAL	
	Ammont	%	Ammont	%	Ammont	Ammont	% ta' pagamenti FK totali
Ċeka							
L-Estonja	20.588.710,28	44,5 %	25.648.095,12	55,5 %	9.458,15	**46.246.263,55**	**1,9 %**
Il-Greċja	142.007.398,85	41,5 %	200.498.998,20	58,5 %		**342.506.397,05**	**14,0 %**
L-Ungerija	52.417.244,67	42,8 %	70.048.195,27	57,2 %		**122.465.439,94**	**5,0 %**
Il-Latvja	46.795.684,41	49,4 %	44.224.991,28	46,7 %	3.764.782,97	**94.785.458,66**	**3,9 %**
Il-Litwanja	43.673.969,15	49,5 %	44.208.895,26	50,1 %	290.280,00	**88.173.144,41**	**3,6 %**
Malta	4.166.034,67	43,0 %	4.946.842,98	51,0 %	582.856,73	**9.695.734,38**	**0,4 %**
Il-Polonja	200.750.047,49	52,1 %	184.249.405,16	47,8 %	512.396,12	**385.511.848,77**	**15,7 %**
Il-Portugall	205.426.616,57	47,8 %	223.909.764,01	52,2 %		**429.336.380,58**	**17,5 %**
Is-Slovakkja	24.185.556,67	48,7 %	25.445.895,17	51,3 %		**49.631.451,84**	**2,0 %**
Is-Slovenja	14.064.896,65	59,9 %	9.408.923,42	40,1 %		**23.473.820,07**	**1,0 %**
Spanja	535.761.824,69	72,1 %	206.543.470,15	27,8 %	339.638,00	**742.644.932,84**	**30,3 %**
TOTAL	**1.346.526.559,55**	**54,9 %**	**1.100.978.956,09**	**44,9 %**	**5.654.246,66**	**2.453.159.762,30**	**100,0 %**

Tabella 3: Pagamenti fl-2007 għal proġetti li qabel kienu jaqgħu taħt l-ISPA għal kull Stat Membru (inkluż assistenza teknika)

Stat Membru	L-Ambjent		(2)Trasport		Ghajnuna Teknika	TOTAL	
	Ammont	%	Ammont	%	Ammont	Ammont	% ta' pagamenti FK totali
Il-Bulgarija	56.284.491,71	65,9 %	22.055.005,42	25,8 %	7.109.024,52	**85.448.521,65**	**9,0 %**

Stat Membru	L-Ambjent		(2)Trasport		Ghajnuna Teknika	TOTAL	
	Ammont	%	Ammont	%	Ammont	Ammont	% ta' pagamenti FK totali
Ir-Repubblika Ċeka	21.174.558,40	83,3 %	4.243.770,33	16,7 %		**25.418.328,73**	**2,7 %**
L-Estonja	8.834.835,16	78,4 %		0,0 %	2.427.010,09	**11.261.845,25**	**1,2 %**
L-Ungerija	41.309.873,87	48,6 %	43.203.427,21	50,8 %	475.121,25	**84.988.422,33**	**9,0 %**
Il-Latvja	21.172.848,89	51,4 %	19.993.648,99	48,6 %		**41.166.497,88**	**4,4 %**
Il-Litwanja	19.430.221,47	66,7 %	9.164.901,62	31,4 %	551.651,01	**29.146.774,10**	**3,1 %**
Il-Polonja	208.493.213,57	59,1 %	137.384.678,36	39,0 %	6.775.893,50	**352.653.785,43**	**37,3 %**
Ir-Rumanija	120.081.126,61	44,2 %	124.352.547,81	45,8 %	27.171.189,06	**271.604.863,48**	**28,7 %**
Is-Slovakkja	24.878.004,65	63,5 %	13.562.033,45	34,6 %	749.475,43	**39.189.513,53**	**4,1 %**
Is-Slovenja	3.554.814,46	80,9 %	841.530,00	19,1 %		**4.396.344,46**	**0,5 %**
TOTAL	**525.213.988,79**	**55,6%**	**374.801.543,19**	**39,7%**	**45.259.364,86**	**945.274.896,84**	**100,0 %**

Impenji pendenti mill-perjodu 2000-2006

F-aħħar tal-2007, l-impenji pendenti (RAL) li jikkorrispondu mal-perjodu 2000-2006 (inkluż żewġ Stati Membri ġodda: Il-Bulgarija u r-Rumanija) ammontaw għal € 14 800 243 181.27 (€ 11 259 182 886.39 għall-Fond ta' Koeżjoni u € 3 541 060 294.88 għal proġetti li qabel kien jaqgħu taħt l-ISPA). L-istruttura regolatorja kurrenti għall-impenji u għall-pagamenti timplika stokk relattivament kbir ta' impenji pendenti. Dawn huma ekwivalenti għall-ammont ta' bejn wieħed u ieħor tliet snin ta' impenji, li tista' tkun ikkawżata parzjalment mill-fatt li r-regola tar-revokazzjoni ta' impenn awtomatiku (ir-regola "N+2") ma tapplikax għall-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu 2000-2006.

Tabella 4.1: Ammonti aċċettati mill-Fond ta' Koeżjoni mill-2000 sa l-2006 (inkluż ir-RAL)

Stat Membru	Nett Impenjat (sa' 12/2007)	Mhallsa (sa' 12/2007)	RAL
Il-Greċja	3.623.591.038,72	2.255.055.185,63	1.368.535.853,09

Stat Membru	Nett Impenjat (sa' 12/2007)	Mhallsa (sa' 12/2007)	RAL
Spanja	12.935.250.808,79	9.198.976.311,34	3.736.274.497,45
L-Irlanda	625.755.408,00	570.010.222,71	55.745.185,29
Il-Portugall	3.505.110.859,45	2.239.884.294,52	1.265.226.564,93
TOTAL UE-4	**20.689.708.114,96**	**14.263.926.014,20**	**6.425.782.100,76**
Ċipru	54.014.695,00	22.844.221,33	31.170.473,67
Ir-Repubblika Ċeka	748.976.735,00	248.036.041,09	500.940.693,91
L-Estonja	242.449.651,00	86.011.929,46	156.437.721,54
L-Ungerija	976.865.860,00	373.703.305,54	603.162.554,46
Il-Latvja	388.206.109,00	181.497.966,25	206.708.142,75
Il-Litwanja	521.392.688,00	188.680.965,59	332.711.722,41
Malta	21.966.289,00	12.287.371,40	9.678.917,60
Il-Polonja	3.369.015.816,00	768.422.849,76	2.600.592.966,24
Is-Slovakkja	410.520.447,00	128.052.263,94	282.468.183,06
Is-Slovenja	172.654.702,00	63.125.292,01	109.529.409,99
TOTAL UE-10	**6.906.062.992,00**	**2.072.662.206,37**	**4.833.400.785,63**
TOTAL	**27.595.771.106,96**	**16.336.588.220,57**	**11.259.182.886,39**

Tabella 4.2: Ammonti aċċettati għal progetti li kienu jaqgħu taħt l-ISPA (inkluż ir-RAL)

Stat Membru	Nett Impenjat (sa' 12/2007)	Mhallsa (sa' 12/2007)	RAL
Il-Bulgarija	879.908.118,00	296.570.622,32	583.337.495,68
Ir-Repubblika Ċeka	479.117.989,65	376.462.763,84	102.655.225,81
L-Estonja	184.709.389,40	132.834.958,14	51.874.431,26
L-Ungerija	505.736.480,16	326.977.250,88	178.759.229,28
Il-Latvja	325.781.346,52	217.958.178,74	107.823.167,78
Il-Litwanja	304.015.168,61	187.355.758,57	116.659.410,04
Il-Polonja	2.265.523.798,03	1.318.714.851,29	946.808.946,74
Ir-Rumanija	2.042.727.117,78	720.467.042,46	1.322.260.075,32

Stat Membru	Nett Impenjat (sa' 12/2007)	Mħallsa (sa' 12/2007)	RAL
Is-Slovakkja	355.729.850,36	256.174.389,45	99.555.460,91
Is-Slovenja	81.543.400,50	50.216.548,44	31.326.852,06
TOTAL	**7.424.792.659,01**	**3.883.732.364,13**	**3.541.060.294,88**

Għeluq ta' proġetti mill-perjodu 2000-2006

Matul l-2007, 40 proġett taħt il-Fond ta' Koeżjoni kienu magħluqa, b'total ta' pagamenti ta' € 911 miljun . Dawn jinkludu 26 proġett Spanjol, seba' proġetti Portugiżi u seba' proġetti Griegi. Bħala riżultat ta' dan, in-numru totali ta proġetti FK magħluqin għall-perjodu 2000-2006 laħaq 117 u n-numru ta' proġetti li għad irid jingħalqu huwa ta' 721. It-tabella 5.1 telenka informazzjoni dwar proġetti magħluqin sal-aħħar tal-2007.

Tabella 5.1: Numru ta proġetti FK magħluqin fl-2007 u s-snin preċedenti

Stat Membru	Numru totali ta' proġetti FK għall-perjodu 2000-2006	Proġetti magħluqin fl-2007		Proġetti magħluqin fil – perjodu 2002-2006		Numru ta' proġetti miftuħa fl-aħħar tal-2007
		Għadd ta' proġetti	Ammont mħallas (fl-Ewro)	Għadd ta' proġetti	Ammont mħallas (fl-Ewro)	
Ir-Repubblika Ċeka	**31**					31
L-Estonja	**12**					12
Il-Greċja	**124**	7	279.014.171,23	17	305.593.888,69	100
Spanja	**407**	26	370.739.722,09	46	1.717.885.020,70	335
L-Irlanda	**10**			3	250.368.797,00	7
Ċipru	**2**					2
Il-Latvja	**22**					22
Il-Litwanja	**22**					22
L-Ungerija	**10**					10
Malta	**3**					3
Il-Polonja	**65**					65
Il-Portugall	**109**	7	261.667.677,57	11	272.118.226,90	91
Is-Slovenja	**11**					11

Stat Membru	Numru totali ta' proġetti FK għall-perjodu 2000-2006	Proġetti magħluqin fl-2007		Proġetti magħluqin fil – perjodu 2002-2006		Numru ta' proġetti miftuħa fl-aħħar tal-2007
		Ghadd ta' proġetti	Ammont mħallas (fl-Ewro)	Ghadd ta' proġetti	Ammont mħallas (fl-Ewro)	
Is-Slovakkja	**10**					10
	838	**40**	**911.421.570,89**	**77**	**2.545.965.933,29**	**721**

Matul l-2007, kien hemm 14-il proġett li kienu jaqgħu taħt l-ISPA li kienu magħluqin, b'total ta' € 89 miljun . Bħala riżultat ta' dan, in-numru totali ta proġetti magħluqin li kienu jaqgħu taħt l-ISPA għall-perjodu 2000-2006 laħaq il-50 u n-numru ta' proġetti li għad irid jingħalqu huwa ta' 304. It-tabella 5.2 telenka informazzjoni għal kull pajjiz dwar proġetti magħluqin li kienu jaqgħu taħt l-ISPA.

Tabella 5.2: Numru ta proġetti li kienu jaqgħu taħt l-ISPA magħluqin fl-2007 u s-snin preċedenti

Stat Membru	Numru totali ta' proġetti li kienu jaqgħu taħt l-ISPA għall-perjodu 2000-2006	Proġetti magħluqin fl-2007		Proġetti magħluqin fil – perjodu 2002-2006		Numru ta' proġetti miftuħa fl-aħħar tal-2007
		Ghadd ta' proġetti	Ammont mħallas (fl-Ewro)	Ghadd ta' proġetti	Ammont mħallas (fl-Ewro)	
Il-Bulgarija	**38**					38
Ir-Repubblika Ċeka	**27**	2	36.838.453,19	7	124.496.115,65	18
L-Estonja	**25**	2	3.487.155,90	8	45.070.156,40	15
Il-Latvja	**24**	2	17.530.155,17	2	18.416.589,32	20
Il-Litwanja	**29**	1	19.816.800,00	5	66.724.564,61	23
L-Ungerija	**37**			7	2.526.165,16	30
Il-Polonja	**65**	3	4.673.775,30	1	5.377.712,03	61
Ir-Rumanija	**63**	2	1.794.821,78	0	1.794.821,78	61
Is-Slovenja	**17**			4	11.159.700,50	13
Is-Slovakkja	**29**	2	4.726.875,55	2	6.880.841,36	25
	354	**14**	**88.868.036,89**	**36**	**282.446.666,81**	**304**

2. AMBJENT EKONOMIKU U KUNDIZZJONALITÀ

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/97, li jistipula r-regoli tal-Fond ta' Koeżjoni approvati qabel l-aħħar tal-2006[1], jistipula kundizzjonijiet makro-ekonomiċi għall-użu tal-Fond. Dan jipprevedi li "l-ebda proġett ġdid jew, fil-każ ta' proġetti importanti, l-ebda stadju ta' proġett ġdid m'għandu jiġi ffinanzjat mill-Fond fi Stat Membru fil-każ li l-Kunsill, huwa u jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, isib li l-Istat Membru […] ma implimentax [il-programm ta' stabbiltà jew ta' konverġenza tiegħu] b'tali mod sabiex jevita defiċit eċċessiv". Dan jirrifletti r-rwol tal-Fond tal-Koeżjoni bħala strument ta' appoġġ baġitarju fuq livell nazzjonali li jgħin lill-Istati Membri biex iżommu s-severità makro ekonomika.

Matul l-2007 tliet Stati Membri eliġibbli għal għajnuna taħt il-Fond ta' Koeżjoni (ir-Reubblika Ċeka, l-Ungerija u l-Polonja) kienu involuti fil-passi addizzjonali tal-proċedura tad-defiċit eċċessiv (PDE) li, skont ir-Regolament imsemmi hawn fuq, tista' taħt ċerti ċirkostanzi tkun assoċjata mas-sospensjoni ta' trasferimenti mill-Fond. Madankollu ma kien hemmx bżonn l-adozzjoni ta' din il-miżura għal ebda minn dawn il-pajjiżi. Fl-2008 il-Kunsill iddeċieda li jabolixxi l-PDE għall-Polonja u r-Repubblika Ċeka.

Ir-Repubblika Ċeka kienet suġġett tal-PDE mid-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Ġunju 2004. Id-data l-aktar tard għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv kienet ffissata għall-2008. F'Lulju 2007 il-Kunsill iddeċieda li r-Repubblika Ċeka ma adottatx miżuri adegwati bħala risposta għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu ta' Lulju 2004. Billi r-Repubblika Ċeka mhijiex membru taż-żona euro, għandha deroga speċifika mill-applikazzjoni ta' miżuri ulterjuri tal-PDE. F'Ottubru 2007 il-Kunsill ħareġ biss sett ġdid ta' rakkomandazzjoniijiet skont l-Artikolu 104(7) tat-Trattat[2]. Ma kien hemm l-ebda sospensjoni ulterjuri ta' għajnuna mill-Fond ta' Koeżjoni. Il-Kunsill ħabbar l-opinjoni tiegħu dwar l-aħħar żviluppi tal-programm ta' governanza Ċeka nhar l-4 ta' Marzu 2008. Il-konklużjoni ġenerali kienet li l-programm huwa konsistenti ma' korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv fl-2008. F'Ġunju 2008 il-Kunsill ħareġ id-deċiżjoni biex jabolixxi l-PDE għar-Repubblika Ċeka. Il-proċedura tad-defiċit eċċessiv għall-Ungerija bdiet fl-2004. Minn dakinhar, in-nuqqasijiet tal-Ungerija fit-teħid ta' miżuri effettivi bħala risposta għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill kienu osservati f'zewg okkażjonijiet, f'Jannar 2005 u Novembru 2005. Madankollu, fl-ebda miż-żewġ okkażjonijiet il-Kummissjoni ma rrakkomandat sospensjoni tal-impenji tal-Fond ta' Koeżjoni lill-Kunsill. L-aħħar sett ta' rakkomandazzjonijiet dwar id-defiċit eċċessiv Ungeriż kien adottat mill-Kunsill fuq il-bażi ta' deċizjoni ġdida skont l-Artikolu 104(7) f'Ottubru 2006. F'Lulju 2007 il-Kunsill iddeċieda li l-Ungerija kienet ikkonformat ruħha mar-rakkomandazzjonijiet.

F'Novembru 2006 il-Polonja kienet suġġett ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 104(8) mill-Kunsill li jistabbilixxi li l-azzjoni tagħha meħuda biex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv tagħha b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-2004 kienet qed turi li hija inadegwata. Rakkomandazzjonijiet ġodda għal dan il-pajjiż kienu

---

1 Ibbażat fuq l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94, kif inhu fil-verżjoni kkodifikata ppreżentata mill-Kummissjoni.

2 It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, l-Artikolu 104 dwar defiċits eċċessivi tal-gvern.

maħruġa fi Frar 2007. F'Diċembru 2007 il-Kunsill iddeċieda li l-miżuri meħuda mill-Polonja kienu konsistenti mal-aħħar rakkomandazzjonijiet. F'Lulju 2008 il-proċedura tad-defiċit eċċessiv għall-Polonja kien abolita mill-Kunsill.

Fl-aħħar tal-2007 żewġ Stati Membri oħra eliġibbli għal għajnuna taħt il-Fond ta' Koeżjoni (il-Portugall u s-Slovenja) baqgħu suġġetti għal proċedura ta' defiċit eċċessiv. L-ebda azzjoni assoċjata mal-PDE ma kienet, madankollu, meħuda fil-konfront ta' dawn il-pajjiżi matul l-2007. L-ebda minn dawn il-pajjiżi ma kien suġġett għal sospensjoni tat-trasferimenti mill-Fond ta' Koeżjoni. F'Ġunju 2008 il-Kunsill ħareġ deċiżjoni biex jabolixxi l-PDE għaż-żewg Stati Membri.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006, li jistipula r-regoli għall-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu 2007-2013[3], iċċara bosta inċertezzi dwar l-applikazzjoni tal-kundizzjonalità tal-Fond ta' Koeżjoni fl-imgħoddi. Dan jipprevedi li, wara deċiżjoni skont l-Artikolu 104(8) il-Kummissjoni tista' tipproponi s-sospensjoni tal-appoġġ mill-Fond ta' Koeżjoni. Min-naħa tiegħu, il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jissospendi l-impenji kollha, jew partijiet minnhom, b'effett mill-1 ta' Jannar tas-sena wara d-deċiżjoni. Jekk sussegwentement il-Kunsill isib, fil-kuntest tal-EDP, li l-Istat Membru ħa l-azzjoni korrettiva meħtieġa, dan awtomatikament jimplika deċiżjoni biex jirrevoka s-sospensjoni tal-impenji tal-Fond ta' Koeżjoni. Regoli għal stima mill-ġdid tal-impenji sospiżi ġew stabbiliti.

3. SPEZZJONIJIET

L-inkjesta dwar l-għeluq tal-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu 1994-1999 kopriet 10 % tal-proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni li jirrappreżentaw 20 % tal-ispiża kofinanzjata matul l-istess perjodu. L-istħarriġ kien finalizzata fl-2003 u d-defiċjenzi prinċipali misjuba kienu verifiki amministrattivi insuffiċjenti b'riżultat ta' spejjeż mhux eliġibbli u diversi ksur tar-regoli dwar akkwist pubbliku. Fl-2007, għal Spanja l-proċeduri għal tliet proġetti kienu konklużi minn deċiżjonijiet tal-Kummissjoni u għall-Portugall il-proċedura għal proġett wieħed kienet konkluża wara li l-Istat Membru aċċetta. Il-proċeduri ta' korrezzjoni finanzjarja li jifdal (tmien proġetti: erbgħa fi Spanja, wieħed fil-Greċja u tlieta fil-Portugall) bħala riżultat ta' din l-inkjesta pubblika se jkunu kompluti fl-2008.

Fir-rigward tal-perjodu 2000-2006, ix-xogħol ta' verifika li sar fl-2007 iffoka fuq il-verifiki segwenti biex tiġi verifikata l-implimentazzjoni effettiva ta' rakkomandazzjonijiet relatati mas-sistema magħmula fl-2005 u ttestjar ulterjuri ta' konformità tan-nefqa tal-proġetti. Tpoġġiet ukoll prijorità fuq ir-reviżjoni tal-ħidma tal-korpi ta' verifika nazzjonali inkluż l-iċċekkjar tal-kwalità tal-verifiki tas-sistema, iċċekkjar tal-kampjuni u kwistjonijiet oħrajn relatati max-xogħol tat-tħejjija tad-dikjarazzjoni tal-għeluq. Saru madwar 20 missjoni ta' verifika: seba' missjonijiet taħt l-inkjesta tal-Fond ta' Koeżjoni tal-UE-14; żewġ missjonijiet taħt l-inkjesta tal-akkwist pubbliku; tliet missjonijiet taħt l-inkjesta tal-korp tal-għeluq u tmien missjonijiet dwar ir-Rumanija u l-Bulgarija.

---

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1164/1994.

Proċeduri ta' korrezzjoni finanzjarja li rriżultaw minn verifiki ta' proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni li saru fl-2007 ġew ukoll segwiti. Fil-każ ta' Spanja, kienu mibgħuta ittri ta' pożizzjoni finali dwar l-14-il proġett pendenti. Fil-każ tal-Portugall, il-proċeduri ta' tliet proġetti kienu konklużi bl-aċċettazzjoni tal-korrezzjonijiet mill-Istat Membru u proċeduri għal tliet proġetti għadhom pendenti. Fil-każ tal-Greċja proċeduri għal korrezzjoni b'rata unika għal problema orizzontali fir-rigward tal-akkwist pubbliku hija kompluta fl-istadju ta' smigħ, u hemm żewġ proġetti oħra pendenti. Il-proċeduri kollha pendenti se jkunu kompluti fl-2008.

Fl-2007, xogħol ta' verifika ieħor kien jinkludi l-eżaminar tad-dikjarazzjonijiet ta' għeluq mibgħuta għall-għeluq tal-proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu 2000-2006, l-eżaminar tar-rapporti ta' kontroll annwali skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1386/2002, u l-parteċipazzjoni fil-laqgħat annwali bilaterali ma korpi ta' verifika nazzjonali.

Fir-Rapport ta' Attività Annwali tad-Direttorat Ġenerali għall-2007, għat-tħaddim tas-sistemi ta' tmexxija u ta' kontroll, ingħatat opinjoni mhux kwalifikata għas-sistemi f'seba' Stati Membri (Ċipru, l-Estonja, l-Ungerija – settur tat-trasport, il-Latvja, Malta, il-Portugall u s-Slovenja).

Għal sitt Stati Membri l-opinjoni kienet kwalifikata bħala riżultat ta' defiċjenzi fil-materjal b'impatt moderat li jaffettwa elementi kritiċi tas-sistemi (l-Bulgarija – settur tal-ambjent, il-Greċja, l-Irlanda, il-Litwanja, ir-Rumanija u Spanja).

Għall-bqija tal-ħames Stati Membri l-opinjoni kient kwalifikata b'impatt sinifikanti bħala riżultat ta' defiċjenzi fil-materjal li jaffettwa elementi kritiċi tas-sistemi (il-Bulgarija – settur tat-trasport, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija – settur tal-ambjent, il-Polonja u s-Slovakkja). Skont il-kriterji stabbiliti mid-Direttorat Ġenerali fir-rigward tad-defiċjenzi fil-materjal tas-sistemi li joħolqu riskju li mhuwiex aċċettabbli għall-pagamenti fl-2007, id-Direttorat Ġenerali għamel riserva għal dawn il-ħames Stati Membri.

4. L-IRREGOLARITAJIET

Fl-2007, l-OLAF impenjat ruħha f'żewġ missjonijiet biex tagħmel kontrolli fuq is-sit skont ir-Regolament (KE) Nru 2185/96[4] fir-rigward ta' erba' każijiet ta' investigazzjoni esterna li kienu miftuħa fir-rigward ta' kwistjonijiet tal-Fond ta' Koeżjoni. Billi dawn il-każijiet għadhom għaddejjin, mhuwiex possibbli li jsiru aktar kummenti fuqhom għal raġunijiet operattivi u possibilment ġudizzjarji.

Fl-2007, l-Istati Membri rrappurtaw lill-Kummissjoni, skont ir-Regolament (KE) Nru 1831/94[5], 92 notifika ta' irregolaritajiet li jaffettwaw proġetti kofinanzjati u li jinvolvu s-somma ta' € 110.222.823. Minn dan l-ammont, € 63.686.298 ġew irkuprati, u l-kumplament għad iridu jiġu rkuprati. L-Istati Membri li rrappurtaw l-akbar numru ta' każijiet huma l-Greċja u Spanja (26 u 34 rispettivament, aktar minn 50 % tat-total). Il-każijiet

[4] ĠU L 292, 15.10.1996, p. 2.

[5] Ġ.U. L 191, 29,07,94, p. 1, kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2168/2005, ĠU L 345, 21,12,2005, p. 15).

irrappurtati mill-Greċja kienu jinvolvu ammont ta' € 67.259.450 li minnhom € 57.788.966 kienu rkuprati. L-Irlanda rrappurtat lill-Kummissjoni każ wieħed biss, imma l-impatt finanzjarju tiegħu, li jammonta għal € 6.638.190, huwa sinifkanti meta mqabbel mal-medja tal-ammont tan-notifiki. In-numru ta' notifiki wera tnaqqis meta mqabbel mas-sena ta' qabel[6]. Dawn iċ-ċiri juru rappurtaġġ aħjar f'konformità mal-obbligi legali mill-"Istati Membi benefiċjarji l-antiki". Madankollu, meta tiġi kkunsidrata l-kontribuzzjoni Komunitarja involuta fil-proġetti kofinanzjati mill-Fond ta' Koeżjoni, id-dixxiplina ta' rappurtaġġ tal-Istati Membri għandha bżonn titjieb.

L-aktar tipi ta' irregolaritajiet irrappurtati huma: infiq mhux eliġibbli u ksur tar-regoli tal-akkwist pubbliku. Dawn iż-żewġ kategoriji jkopru kważi 75 % tal-każijiet kollha rrappurtati.

5. VALUTAZZJONI

Il-Kummisjoni u l-Istati Membri jagħmlu stima u evalwazzjoni tal-proġetti kollha kofinanzjati. Il-proġetti li se jkunu ffinanzjati mill-Fond jkunu adottati mill-Kummissjoni bi ftehim mal-Istati Membri benefiċjarji.

Kull talba għal assistenza hija akkumpanjata minn analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji (CBA – cost-benefit analysis) tal-proġett. Is-CBA trid turi li l-benefiċċji soċjo-ekonomiċi fil-medda medja ta' żmien huma proporzjonali mar-riżorsi finanzjarji mobilitati. Il-Kummisjoni tevalwa din is-CBA fuq il-bażi tal-prinċipji mniżżla fil-gwida għall-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji. Din il-gwida, ippublikata għall-ewwel darba fl-2003, kienet riċentement aġġornata biex tinkorpora l-iżviluppi tal-politika Komunitarji, strumenti finanzjarji u l-istruttura regolatorja ġdida li taħtha l-proġetti l-kbar iridu jkunu ffinanzjati fil-perjodu tal-programm 2007-2013. Matul l-2007, il-Kummissjoni assistiet lill-Istati Membri permezz ta' miżuri ta' titjib ta' kapaċità li kienu mmirati biex itejbu l-konsistenza ta' analiżijiet finanzjarji u ekonomiċi *ex-ante* tal-proġetti. F'dan ir-rigward, softwer dedikat huwa operattiv kompletament, u dokument ta' gwida, li kien adottat fl-2006, jistabbilixi l-metodoliġija li għandha tintuża biex issir CBA. Id-dokument jippreżenta xi prinċipji ġenerali dwar CBA flimkien ma' sett ta' regoli ta' xogħol u jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jiżviluppaw il-linji ta' gwida tagħhom dwar CBA.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tesegwixxi evalwazzjoni qabel il-valutazzjoni finali tal-proġett fuq kampjuni ta' proġetti ko-finanzjati mill-Fond ta' Koeżjoni. L-aħħar evalwazzjoni kient ppublikata fl-2005 u kkunsidrat 200 proġett implimentati matul il-perjodu 1993-2002. L-evalwazzjoni simili li jmiss hija ppjanata li tiġi mnedija fl-2009 u se tikkunsidra proġetti implimentati matul il-perjodu 2000-2006.

6. INFORMAZZJONI U PUBBLIĊITÀ

Kif indikat fir-rapport annwali tal-2006, diskussjonijiet mal-Istati Membri dwar kwistjonijiet fir-rigward tal-Fond ta' Koeżjoni qed ikunu, sa mill-1 ta' Jannar 2007,

---

[6] 2006: Numru ta' każijiet notifikati 228; ammont totali relatat man-notifiki € 186.604.797

ittrattati fi ħdan il-Kumitat għall-Koordinazzjoni tal-Fondi (COCOF), skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

Barra mill-kwistjonijiet ta' interess komuni għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni (assitenza teknika, valutazzjoni, kwistjonijiet ta' baġit, eċċ.), xi kwistjonijiet ta' interess speċifiku għall-Fond ta' Koeżjoni kienu ppreżentati jew diskussi waqt il-laqgħat tal-Kumitat għall-Koordinazzjoni tal-Fondi li jmiss: f'Jannar "L-implimentazzjoni ta' disposizzjonijiet ta' transizzjoni (l-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006)"; fi Frar "il-Kumplimentarjetà bejn l-iffinanzjar għal azzjonijiet taħt il-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni u strumenti oħra tal-komunità"; f'Mejju "Aġġorament f'nofs is-sena tad-diversi tipi ta' miżuri ta' assistenza teknika"; u f'Lulju "Linjigwida għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji fir-rigward ta' ksur ta' regoli dwar l-akkwist pubbliku" u "Studju dwar l-ispiża Reġjonali tal-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni".

Fir-rigward tal-miżuri tal-Kummisjoni dwar informazzjoni u pubbliċità, il-punt fokali fl-2007 kien fuq l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' pubbliċità għall-perjodu 2007-2013.

Il-Kummissjoni organizzat ukoll konferenza importanti fi Brussell fil-25 u s-26 ta' Novembru dwar: "Nirrakkontaw l-Istorja. Nikkomunikaw il-Politika ta' Koeżjoni Flimkien". Aktar minn 500 uffiċjal tal-komunikazzjoni mill-Ewropa kollha ħadu sehem (ir-riżultati ta' dan l-avveniment huma disponibbli fuq is-sit tad-DĠ REGIO[7]). Għall-programmi l-ġodda, komunikazzjoni aħjar bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u r-reġjuni se tkun bbażata fuq sistema ("INFORM") li se tippermetti l-bdil ta' prattiċi ta' xogħol ideali fil-komunikazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni.

[7] http://ec.europa.eu/regional_policy/country/commu/conferences/november07/sources_en.cfm